MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2012

Numru. 961/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Edmond Cuschieri]**

**vs**

**Silvio Abela**

**Kumpilazzjoni Numru: 961/2012**

**Illum, 25 ta' Settembru, 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Silvio Abela, bin Anthony u Rose nee' Muscat, imwieled Pieta', fit-13 ta' Frar, 1985 u residenti fil-fond numru 150, VioBel, Triq l-

Isperanza, Mosta u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 134185(M);

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer u cioe’ nhar l-20 ta’ Lulju, 2012, fi Triq il-Kbira, Mosta, ghall-habta ta’ 07.40am, waqt li kien qieghed isuq vettura, bin-numru ta’ registrazzjoni LAF 271 ta’ l-ghamla Isuzu, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi li kkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem tal-persuna ta’ Elizabeth Dawn Adams; u dan ai termini ta’l-artikolu 226(a) tal-Kap 9.

U talli wkoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura bin-numru ta’ registrazzjoni LAF 271 ta’ ghamla Isuzu b’nuqqas ta’ kont; u dan ai termini ta’l-artikoli 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65

F’kaz ta’ sejbien ta’ htija, l-prosekuzzjoni tablet li din il-Qorti biex tiskwalifika lill-hati mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan u biex ukoll tapplika l-provvedimenti ta’ l-artikolu 41 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront ta’ l-imputat lejn il-vittma.

Rat l-artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali bbiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-tratazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u c-cirkostanzi kollha li wasslu ghall-incident in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' elf u hames mitt Euro (€1,500) li ghandha tithallas fi zmien sitt (6) xhur u tiskwalifika lill-imputat minn kull licenzja ghas-sewqan ghal perjodu ta' tmient (8) ijiem.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------